DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Frar 2009

li temenda d-Deċiżjoni 1999/217/KE fir-rigward tar-reġistru ta' sustanzi ta' taħwir użati fi jew fuq oġġetti tal-ikel

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1222)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/163/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu ġewwa jew fuq l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment tar-regoli fir-rigward tas-sustanzi tat-taħwir użati jew intiżi għall-użu fl-oġġetti tal-ikel. Dak ir-Regolament jistipula l-adozzjoni ta' reġistru ta' sustanzi ta' taħwir ("ir-reġistru") wara notifika mill-Istati Membri ta' lista tas-sustanzi ta' taħwir li jistgħu jintużaw fi jew fuq oġġetti tal-ikel li tqiegħdu fis-suq fit-territorju tagħhom u fuq il-bażi ta' studju mill-Kummissjoni ta' dik in-notifika.

(2) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jistipula programm ta' valutazzjoni tas-sustanzi tat-taħwir li jkunu jinsabu fir-reġistru ("il-programm ta' valutazzjoni") sabiex ikun hemm il-verifika jekk dawk is-sustanzi jkunux konformi mal-kriterji ġenerali għall-użu tagħhom kif stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jistipula li l-persuni responsabbli għat-tqegħid fis-suq tas-sustanzi tat-taħwir għandhom iwasslu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tagħhom. Dak ir-Regolament ukoll jistipula li wara t-twettiq tal-programm ta' valutazzjoni, il-lista tas-sustanzi tat-taħwir li l-użu tagħhom għandu jkun awtorizzat għall-esklużjoni tal-oħrajn kollha, għandha tkun adottata.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni 1999/217/KE ([2]), il-Kummissjoni adottat reġistru ta' sustanzi ta' taħwir użati fi jew fuq l-oġġetti tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 2232/96.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1565/2000 tat-18 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-adozzjoni ta' programm ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jistipula ċertu tagħrif li għandu jitressaq mill-persuna responsabli għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti sustanzi tat-taħwir li jinsabu fir-reġistru sabiex tippermetti li tkun tista titwettaq il-valutazzjoni tas-sustanza.

(5) Ma tressaq l-ebda tagħrif għal 148 sustanza u l-Kummissjoni la ġiet infurmata dwar kwalunkwe intenzjoni biex jibqa' jitressaq xi tagħrif. Għalhekk, dawn is-sustanzi ma jistgħux ikunu vvalutati fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-kriterji ġenerali għall-użu tas-sustanzi tat-taħwir kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2232/96. Għalhekk, huwa xieraq li dawn is-sustanzi jitħassru mir-reġistru.

(6) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/282/KE tal-21 ta' April 1998 dwar il-mezzi li bihom l-Istati Membri u l-Istati firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom iħarsu l-proprjetà intellettwali fir-rigward tal-iżvilupp u l-manifattura ta' sustanzi ta' taħwir imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), għal numru ta' sustanzi, l-Istati Membri notifikanti talbu li għandhom ikunu rreġistrati b'tali mod li jitħarsu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-manifattur.

(7) Il-ħarsien għal dawn is-sustanzi, imniżżla fil-Parti B tar-reġistru, hija limitata għal perjodu massimu ta' ħames snin massimu mid-data li tasal in-notifika tagħhom. Dak il-perjodu issa skada għal erba' sustanzi li baqa' b'konsegwenza li għandhom jiġu ttrasferiti għall-Parti A tar-reġistru.

(8) Għalhekk id-Deċiżjoni 1999/217/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 299, 23.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 84, 27.3.1999, p. 1.
([3]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 8.
([4]) ĠU L 127, 29.4.1998, p. 32.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 1999/217/KE għandu jkun emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. L-ewwel paragrafu tal-anness, li tinqara kif ġej, għandha tiħassar:

   Ir-reġistru tas-sustanzi ta' taħwir definiti kimikalment inqasam f'żewġ partijiet distinti. Il-Parti A tniżżel is-sustanzi skont in-numri FL tagħhom. Il-Parti B tniżżel dawk is-sustanzi li għalihom intalbet kunfidenzjalità minn Stat Membru sabiex jitħarsu d-drittijiet tal-proprjetà intelletwali tal-manifattur.

2. Il-Parti I tal-Anness tad-Deċiżjoni 1999/217/KEE hija emendata kif ġej:

   (a) Ir-ringieli stabbiliti fit-tabella għal sustanzi attribwiti b'dawn in-numri FL li ġejjin huma mħassra:

01.025	01.062	01.068	01.069	01.071	01.072	01.073	01.074
01.075	01.076	02.053	02.068	02.118	02.129	02.130	02.151
02.163	02.199	02.215	02.232	02.237	02.238	02.244	03.018
03.021	04.060	04.071	04.081	04.083	05.054	05.133	05.135
05.176	05.177	05.200	05.207	05.209	05.210	05.212	05.213
05.214	05.215	06.060	06.068	06.099	06.108	06.113	07.143
07.144	07.145	07.163	07.173	07.174	07.192	07.216	07.241
07.245	07.246	07.252	08.110	08.111	08.126	08.128	09.311
09.384	09.576	09.635	09.654	09.817	09.845	09.853	09.881
09.887	09.896	09.903	09.914	10.041	10.046	10.065	10.071
11.011	11.012	11.013	11.019	11.022	11.024	12.110	12.115
12.186	12.245	12.246	12.247	12.248	12.250	12.260	12.261
12.263	13.036	13.104	13.110	13.121	13.131	13.147	13.156
13.158	13.159	13.164	13.181	13.187	14.090	14.151	14.153
14.156	14.157	14.158	14.162	14.165	14.166	15.041	15.046
15.053	15.059	15.065	15.073	15.075	15.095	15.100	15.101
15.104	15.105	15.117	15.121	15.122	15.123	15.124	16.050
16.064	16.065	16.066	16.067	16.068	16.069	16.070	16.078
16.079	16.084	16.085	17.009				

   (b) Ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella:

Nru FL	Grupp kimiku	CAS	Isem	Fema	CoE	Einecs	Nru FL	Sinonimi	Isem sistematiku	Kummenti
09.929	8	220621-22-7	L-Monomenthyl glutarate	4006			09.929			
03.023	16	1608-72-6	1-Ethoxyethyl-acetate	4069			03.023			
16.083	30	446-71-9	2-(4-Hydroxy-3-methoxyphenyl)-5,7-dihydroxy chromanone				16.083			
07.250	5	3916-64-1	3,5-Heptadien-2-one				07.250			

3. Il-Parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni 1999/217/KE tħassret.